**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 354/2022**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Erica Farrugia Harding**

Illum, 06 ta' Jannar 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellanti, Erica Farrugia Harding, detentriċi tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 482874(M), akkużata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli bħala direttur u/jew għan-nom u in rapprezentanza ta' V.I.P Tours Malta Limited (C63326) u/jew bħala persuna rreġistrata mal-Kummissarju tat-Taxxi skond l-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta' l-1998) u regolamenti magħmula bis-saħħa tal-istess Att, waqt spezzjoni b'sorpriża li seħħet fil-21 ta' Novembru 2017 ġewwa V.I.P. Tours Malta Limited li jinsab il-Mosta, rrizulta li jew hi jew xi persuna oħra li kien qed taġixxi għan-nom tagħha, xjentement naqqset li tirrilaxxa riċevuta fiskali permezz ta' *cash register* fiskali u/jew permezz tal-kotba fiskali kif approvati mill-Kummissarju tat-Taxxi, li jikkonformaw mal-ħtiġijiet speċifikati fil-partita 13 tat-Tlettax-il skeda li tinsab mal-Att tal-1998, skont il-kumpens lilha mhallas matul Lulju 2017 mill-Kamra tarRapprezentanti, u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3 u 10 tat-Tlettax-il

Skeda li tinsab ma' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-artikoli 51 u 77 (e) u 82 tal-istess Att.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-13 ta' Lulju 2022, fejn il-Qorti, wara li rat il-partiti 1, 2 u 3 tat-Tlettax-il Skeda l-Artikolu 51 u l-Artikolu 77(e) u 82 tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Malur Mizjud (Kap. 406, tal-Ligijiet ta' Malta), sabet lill-imputata ħatja tal-imputazzjoni miġjuba kontra tagħha u kkundanatha għall-ħlas ta' multa ta' 700 Ewro.

Rat ir-rikors tal-appellanti, ippreżentat fis-27 ta' Lulju 2022, fejn talbet lil din l-Qorti sabiex tirrevoka s-sentenza appellata fil-konfront tagħha u tilliberha minn kull ħtija u piena, jew, alternattivament, tirriforma l-piena għall-waħda aktar ġusta u ekwa, tenut iċ-ċirkostanzi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi qabel ma tinoltra ruħha fl-aggravji marbuta ma' punti ta' dritt u dawk li jolqtu l-mertu, il-Qorti tqies illi għandha titratta t-talba enkapsolata fir-raba' aggravju mressaq mill-appellanti fejn titlob li ssir referenza lil Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha, u dan għaliex tallega li hija qiegħda isofri leżjoni tad-drittijiet fondamentali tagħha kif imħaddna fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Illi l-appellanti tilmenta illi l-Artikolu 82 tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta, liema artikolu tal-liġi iqiegħed ir-responsabbilta' penali fuq kull direttur ta' soċjeta kummerċjali u dan għal vjolazzjonijiet fiskali ta'l-istess soċjeta, persuna ġuridika indipendenti u separata, jilledi id-drittijiet fundamentali tad-Diretturi li jiffurmaw il-

Bord ta' tmexxija tal-istess persuna legali, kif imħaddna fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, u ċioe d-dritt tas-smigħ xieraq u dan għar-raġuni illi iktar minn persuna waħda tispiċċa kkundannata għall-istess vjolazzjoni tal-liġi, kif ukoll li dik il-persuna mixlija bil-kummissjoni tar-reat twieġeb personalment għal att vjolattiv kommess minn persuna ġuridika differenti minnha.

Illi l-Artikolu 82 tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi illi:

> **(1) B'żieda u mingħajr preġudizzju għal kull obbligazzjoni ta' xi mpjegat jew persuna oħra, meta xi ħaġa ssir jew tonqos milli ssir minn korp ta' persuni, id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima għandhom japplikaw bħallikieku dik il-ħaġa tkun saret jew naqset milli ssir minn kull direttur, manager jew uffiċjal prinċipali ieħor ta' dak il-korp ta' persuni:**
> **Iżda direttur, manager jew uffiċjal prinċipali ieħor ta' korp ta' persuni ma jkunx ħati ta' reat bis-saħħa ta' dan is-subartikolu jekk huwa jġib prova li huwa ma kienx jaf u ma setax b'diliġenza raġonevoli jsir jaf b'dak l-egħmil jew nuqqas u li huwa għamel kull ma seta' jagħmel sabiex iżomm milli jsir dak l-egħmil jew nuqqas.**
>
> **(2) Meta xi ħaġa ssir jew tonqos milli ssir minn impjegat fit-twettiq tal-impieg tiegħu, jew minn persuna li tkun qed taġixxi għan-nom ta' dik il-persuna reġistrata, sew jekk dik il-persuna l-oħra tkun impjegata sew jekk ma tkunx, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima bħallikieku dik il-ħaġa tkun saret jew naqset milli ssir sew minn dak l-impjegat jew persuna oħra innifisha kif ukoll mill-prinċipal tagħhom jew persuna reġistrata:**
> **Iżda dak il-prinċipal jew persuna reġistrata ma jkunx ħati ta' reat taħt dan is-subartikolu jekk iġib prova li ma kienx jaf u li ma setax b'diliġenza raġonevoli jkun jaf b'dak l-egħmil jew nuqqas u li huwa għamel kull ma seta' jagħmel sabiex iżomm milli jsir dak l-egħmil jew nuqqas.**

Illi l-Qorti ttenni li a bazi ta' ġurisprudenza ormai rassodata, kemm lokali u kif ukoll dik Ewropea, sabiex qorti tasal għal konklużjoni dwar jekk kienx hemm ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq kif imħares taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, huwa meħtieġ li l-proċess ġudizzjarju mertu tal-allegazzjonijiet ikun eżaminat fl-assjem tiegħu u ma jistax ikun eżaminat biss element jew parti waħda mill-istess. Fis-sentenza **<u>Morgan Ehi Egbomon vs Avukat Ġenerali</u>** mogħtija nhar is-16 ta' Marzu 2011 il-Qorti Kostituzzjonali rriteniet li:

> **Għalhekk, sewwa qalet l-ewwel qorti illi, qabel ma jkun sar u ntemm il-proċess penali, ikun prematur illi jsir minn din il-qorti l-eżerċizzju li jrid l-Appellant, kemm għax l-Appellant għad għandu għad-dispożizzjoni tiegħu r-rimedji u l-mezzi ta' ħarsien kollha li jagħtih il-proċess penali – u għalhekk għad għandu rimedji taħt il-liġi ordinarja – u kif ukoll għax din il-qorti għadha ma tistax tqis il-proċess penali kollu kemm hu – għax għadu ma sarx – biex tkun tista' tgħid kienx hemm ksur tal-jeddijiet fondamentali, mhux f'episodju iżolat, iżda fil-kuntest tal-proċess meqjus kollu kemm hu u bl-applikazzjoni in concreto tad-dispożizzjoniiet tal-liġi attakkati. (Sottolinear tal-Qorti)**

Ukoll, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Dr Melvyn Mifsud** mogħtija nhar is-26 t'April 2013, il-Qorti Kostituzzjonali rriteniet illi:

> **Fil-każ odjern, iżda - u f'dan l-istadju qiegħed jiġi indirizzat l-ewwel aggravju tal-appellant - jirriżulta wkoll element ieħor li kien jimmilita kontra li ssir ir-riferenza odjerna u kontra li din il-Qorti tiddikjara kienx hemm xi vjolazzjoni tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq jew li x'aktarx ser tavvera ruħha tali vjolazzjoni. Hija l- ġurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti u tal-organi ta' Strasburgu li l-eżami jkunx hemm vjolazzjoni tad-dritt għal smigħ xieraq irid isir billi jittieħed qis tal-proċedimenti kollha fl-assjem tagħhom u li għalhekk dan l-eżerċizzju, fil-prinċipju, huwa indikat li jsir biss fi tmiem il-proċedimenti u mhux qabel. (Sottolinear tal-Qorti)**

Illi anke il-QEDB tieħu din il-linja. Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Imbrioscia vs l-Isvizzera** (applikazzjoni numru 13972/88) deċiża fl-24 ta' Novembru 1993, il-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem f'paragrafu 38 osservat illi :

> **In addition, the Court points out that the manner in which Article 6 paras. 1 and 3 (c) (art. 6-1, art. 6-3-c) is to be applied during the preliminary investigation depends on the special features of the proceedings involved and on the circumstances of the case; in order to determine whether the aim of Article 6 (art. 6) - a fair trial - has been achieved, regard must be had to the entirety of the domestic proceedings conducted in the case (see, mutatis mutandis, the Granger v. the United Kingdom judgment of 28 March 1990, Series A no. 174, p. 17, para. 44).(Sottolinear tal-Qorti)**

Illi, fil-kuntest ta' Malta, il-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem kellha l-opportunita' li tippronunzja ruħha fil-kawża fl-ismijiet *Dimech vs Malta* (applikazzjoni numru 34373/13) deċiża fit-2 ta' April 2015 fejn ġie osservat fil-paragrafu 48 tas-sentenza li:

> ***The Court finds no reason to deem otherwise in the present case. Without prejudice to the applicant's possibility of bringing new***

> *proceedings before this Court in the event of a conviction by the domestic courts, as matters stand to date, given that the criminal proceedings against the applicant are currently pending before the domestic courts, the Court finds this complaint to be premature. Consequently, this part of the application must be rejected, pursuant to Article 35 §§ 1 and 4 of the Convention, for non-exhaustion of domestic remedies.* **(Sottolinear tal-Qorti)**

Illi, *in oltre,* il-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem ikkonfermat dak li kienet qalet f`***Dimech vs Malta*** fis-sentenza ***Tyrone Fenech vs Malta and Amanda Agius vs Malta*** (applikazzjoni numru : 23243/13 u 23343/13) tal-5 ta` Jannar 2016 iddeċidiet illi t-talba kienet inammissibbli meta qalet:

> *The Court notes that according to its constant case-law the question whether or not court proceedings satisfy the requirements of Article 6 § 1 of the Convention can only be determined by examining the proceedings as a whole, that is, once they have been concluded. However, the Convention organs have also held that it is not impossible that a particular procedural element could be so decisive that the fairness of the proceedings could be determined at an earlier stage (see, inter alia, Papadopoulos v. Greece (dec.), no. 52848/99, 29 November 2001; Arrigo and Vella v. Malta (dec.), no. 6569/04, 10 May 2005 and Pace v. Malta (dec.), no. 30651/03, 8 December 2005). At the same time, the Convention organs have also consistently held that such an issue can only be determined by examining the proceedings as a whole, save where an event or particular aspect may have been so significant or important that it amounts to a decisive factor for the overall assessment of the proceedings as a whole – pointing out, however, that even in those cases it is on the basis of the proceedings as a whole that a ruling should be made as to whether there has been a fair hearing of the case (see, inter alia, Mitterrand v. France (dec.) no. 39344/04, 7 November 2006 and more recently, De Villepin v. France (dec.), no. 63249/09, 21 September 2010).*
>
> *In the present case the criminal proceedings concerning the applicants have not come to an end. Thus, although the constitutional jurisdictions have already decided the matter, the Court considers that it cannot be excluded that, inter alia, the applicants be eventually acquitted or that proceedings be discontinued (compare, Dimech, cited above, § 46).*
>
> *The Court observes that applications concerning the same subject matter as that at issue in the present case were rejected as premature when the criminal proceedings were still pending (see, Dimech, cited above, § 48, Kesik v. Turkey, (dec.), no. 18376/09, 24 August 2010 and Simons v. Belgium (dec.), no. 71407/10, 28 August 2012) and, where the applicant had ultimately been acquitted, the complaint was rejected*

> ***on the ground that the applicant had no victim status (see Bouglame v. Belgium (dec.), no. 16147/08, 2 March 2010).***
>
> ***The Court finds no reason to deem otherwise in the present case. Without prejudice to the applicants' possibility of bringing new proceedings before this Court in the event of a conviction by the domestic courts, as matters stand to date, given that the criminal proceedings against the applicants are currently pending before the domestic courts, the Court finds this complaint to be premature.***
>
> ***Consequently, this part of the application must be rejected, pursuant to Article 35 §§ 1 and 4 of the Convention, for non-exhaustion of domestic remedies.***

Illi, għalhekk, in vista tal-ġurisprudenza suċċitata, ġaladarba l-proċeduri kriminali fil-konfront tal-appellanti għadhom pendenti, il-lanjanza mressqa minnha ma tistax tiġi kkunsidrata u dan anke in vista tal-fatt li, almenu f'dan l-istadju, l-appellanti għadha ma ġietx misjuba ħatja tar-reat li bih qed tiġi akkużata. L-appellanti l-ewwel trid tinstab ħatja tar-reat ikkontemplat taħt l-Artikolu 82 tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta, sussegwentement jekk tinstab ħtija, wieħed irid jgħaddi biex jara jekk u kif dan l-artikolu tal-Liġi jistax jilledi d-dritt tagħha għal smigħ xieraq. Ġaladarba il-proċess ġudizzjarju għadu mhux mitmum, s'issa għadu mhux magħruf jekk, kif, u taħt liema ċirkostanza l-appellanti sejra tiġi żvantaġġata waqt is-smigħ tal-każ.

Illi, ukoll, tajjeb jingħad li l-Artikolu 82 tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta joffri, fih innifsu, difiża lill-appellanti sabiex tevita' ir-responsabbilita' kriminali li bih qed tkun mixlija u għaldaqstant l-istess Artikolu ċertament li ma huwiex ta ' preġudizzju għad-dritt tas-smigħ xieraq tagħha. Dan magħdud, il-Qorti hija tal-fehma li l-appellanti lanqas biss ressqet xi forma ta' prova sabiex turi, li almenu sa' dan l-istadju, l-Artikolu 82 tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta, irrekalha xi forma ta' preġudizzju serju fl-eżitu tal-proċeduri kriminali kontriha. Għalhekk, ġaladarba jirriżulta b'mod ċar li l-proċeduri kriminali fil-konfront tal-imputata għadhom pendenti, l-Qorti ser timxi skont dak deċiż ***f'Dimech vs Malta , Tyrone Fenech vs Malta and Amanda Agius vs Malta*** u għalhekk tiddikjara t-talba tal-appellanti bħala waħda prematura u għalhekk f'dan l-istadju tal-proċeduri hija ċertament frivola u vessatorja, u għal dawn il-motivi tiċħad l-istess.

**Ikkunsidrat:**

Illi, sorvolat il-punt preliminari mressaq mill-appellanti, jifdal biex ikunu kkunsidrati l-aggravji rimamenti mqanqla fir-rikors tal-appell.

Illi, fl-ewwel aggravju l-appellanti tilmenta li l-Ewwel Qorti naqqset milli tagħti deċizjoni dwar in-natura tan-negozju li seħħ bejn is-soċjeta V.I.P Tours Malta Limited u l-konsumatur li f'dan il-każ kien il-Parlament ta' Malta, u għalhekk jekk għal fini tal-erarju pubbliku dan kellux jitqies bħala servizz hekk imsejjaħ "*business to business*" (jiġifieri transazzjoni li sseħħ bejn żewġ persuni li jwettqu attivitajiet ekominiċi) jew bħala "*business to consumer*". Dan għaliex fl-ewwel istanza l-appellanti tisħaq illi l-*Invoice* minnhom maħruġa għas-servizzi reżi lil Kamra tad-Deputati[1] kienet tikkonforma ma' dak dispost fit-Tnax-il Skeda tal-Kap.406, u allura ma kienx hemm il-ħtieġa li tinħareġ riċevuta fiskali manwali jew permezz tal-*cash register* bħal dawk li jinħarġu lill-konsumatur skont it-Tlettax-il Skeda. Illi mhux ikkontestat illi l-erarju pubbliku inġabar mis-soċjeta hekk kif seħħet l-attivita' ekonomika u tħallas lid-Dipartiment sabiex b'hekk dan ma kienx xi każ ta' taxxa perikolata.

Illi l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata qieset illi l-Kamra tad-Deputati taqa' taħt id-definizzjoni li jagħti l-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta lit-terminu "*awtorità pubblika*" u ċioe:

> **"il-Gvern ta' Malta, dipartiment jew diviżjoni tal-Gvern ta' Malta, kunsill lokali mwaqqaf skont l-Att dwar Gvern Lokali, awtorità vestita b'personalità distinta mwaqqfa b'Att tal-Parlament jew korporazzjoni mwaqqfa b'Att tal-Parlament".**

Qieset imbagħad illi skond l-Artikolu 5(3) ta' dan l-istess Att:

> **"l-attivitajiet ta' awtorità pubblika li tkun qiegħda taġixxi fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet lilha assenjati bil-liġi ma għandhomx jitqiesu li jkunu attivitajiet ekonomiċi ħlief meta u sa dak il-limitu kif hemm provdut fl-Ewwel Skeda u ħlief meta dak it-trattament bħala persuni mhux taxxabbli ikun iwassal għal tgħawwiġ sinifikanti fil-kompetizzjoni".**

[1] A76 fol.14

Qieset għalhekk illi għalkemm il-Kamra tad-Deputati għandha numru reġistrat ta' identifikazzjoni għat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, madanakollu ma tistax titqies bħala persuna li tiġġestixxi attivitajiet ekonomiċi biex b'hekk ir-riċevuta maħruġa mis-soċjeta kif rappreżentata mill-appellanti ma kenitx waħda konformi mal-liġi. Dan ukoll għaliex l-*invoice* eżebita in atti lanqas ma fiha il-partikolaritajiet li huma indikati fl-artikolu 3 tat-Tnax-il Skeda billi ma hemmx fiha indikat in-numru ta' reġistrazzjoni fiskali (*VAT number*) tal-Parlament.

Issa l-Ewwel Qorti filwaqt li wasslet għal konkluzjoni illi l-Parlament ma jistax jitqies bħala persuna li tiġġestixxi attivita' ekonomika, għalkemm għandha reġistrat fuq isimha numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud, madanakollu sejset is-sejbien ta' ħtija fuq il-fatt illi r-riċevuta fiskali ma kenitx konformi mat-Tnax-il Skeda u ċioe' ma' dik ir-riċevuta li għandha tinħareġ bejn persuni li t-tnejn jiġġestixxu attivita' ekonomika għaliex dan in-numru ta' identifikazzjoni kien nieqes minn fuq ir-riċevuta. Qieset li ġaldarba kien hemm dan in-nuqqas ta' konformita', allura kellha tinħareġ riċevuta skont dak dispost fit-Tlettax-il Skeda li hija ir-riċevuta li tinħareġ bejn il-persuna li toffri is-servizz u l-konsumatur u għaddiet biex sabet ħtija għal dan in-nuqqas ukoll.

Issa huwa indubitat illi l-Parlament huwa l-fergħa leġislattiva tal-Gvern. Jaqa' għalhekk kif tajjeb ikkonkludiet l-Ewwel Qorti, taħt id-definizzjoni mogħtija fil-Kapitolu 406 ta' "awtorita' pubblika". Illi għalhekk, għalkemm il-Parlament għandu reġistrat fuq ismu numru ta' identifikazzjoni għal skopijiet ta' taxxa fuq il-valur miżjud, madanakollu fit-termini ta' dak dispost fil-Kapitolu 406, ma jitqiesx illi jiġġestixxi attivita' ekonomika. Illi l-*invoice* maħruġa għalhekk mis-soċjeta V.I.P Tours Limited żgur mhux forsi illi ma hijiex riċevuta fiskali skont il-liġi u dan għaliex din kellha tinħareġ skont dak imfassal fit-Tlettax-il Skeda ta'l-Att u allura anke jekk fl-*invoice* eżebita in atti kien hemm in-numru ta' identifikazzjoni ta' taxxa tal-Parlament indikat, xortawahda din ma kenitx tkun konformi mal-liġi.

Illi l-appellanti tkompli tisħaq pero' li hi ma ħariġtx riċevuta fiskali konformi mal-liġi għaliex kienet konvinta li n-negozju li seħħ mal-Kamra tad-Deputati jitqies bħala

negozju "*business to business*". Illi "*ignorantia juris neminem excusat*", kif igħallem il-Professur Sir Anthony Mamo[2] -

> ***"It is a principle recognised by all legal systems that ignorance of the law is no excuse for breaking it …. This rule is absolute. Therefore, no invincible ignorance or error will serve for justification …. Moreover, the said rule is general and applies both in respect of crimes and in respect of contraventions and both to subjects as well as to foreigners."***

Illi għalhekk lanqas għandha raġun l-appellanti fit-tieni aggravju minnha mqanqal meta issostni illi ir-riċevuta maħruġa mill-kumpanija fil-forma ta' *tax invoice* kienet konformi mal-liġi tant illi tħallas lid-Dipartiment tat-Taxxa l-ammont ta' taxxa fuq il-valur miżjud dovut.

Illi jingħad qabel kull konsiderazzjoni oħra illi l-appellanti ma hijiex mixlija bir-reat tan-nuqqas ta' ħlas tal-erarju pubbliku, iżda li r-riċevuta maħruġa favur il-konsumatur ma kenitx waħda konformi mal-liġi, liema reat huwa imfassal fl-artikolu 77(e) tal-Kapitolu 406. Fil-fatt jirriżulta mill-atti, u ma jidhirx lanqas li dan il-fatt huwa kontestat, illi riċevuta skont it-Tlettax-il Skeda ma inħarrġitx.

L-appellanti filfatt tisħaq li l-kumpanija ħarġet *tax invoice* għax waslet għal konkluzjoni illi ġaldarba l-Kamra tad-Deputati kellha numru ta' identifikazjoni ta' taxxa, allura t-transazzjoni kellha titqies li kienet "*business to business*" . Ma jirriżultax mill-atti kif l-appellanti waslet għal din il-konkluzjoni billi fl-ewwel lok l-appellanti ma toffriex ix-xiehda tagħha u lanqas ma jirriżulta illi saru xi verifiki min naħa tas-soċjeta dwar in-natura tar-riċevuta li kellha tinħareġ favur l-entita' parlamentari, kif lanqas saru verifiki minnhom dwar x'kien in-numru ta' identifikazzjoni ai fini ta' taxxa tal-Parlament, għalkemm jidher mix-xiehda tal-*accountant* tal-kumpanija illi huma kienu konxji tal-fatt illi l-Parlament kellu dan in-numru ta' reġistrazzjoni. Claudine Paris, in rapprezentanza tal-Kamra tad-Deputati, tikkontendi li għall-attivitajiet kummerċjali li jsiru mill-Parlament dejjem ikun hemm l-insistenza li tinħareġ dik li hija issejjaħ bħala r-riċevuta l-griza. Għaldaqstant, lanqas dan it-tieni aggravju mressaq mill-appellanti ma jistħoqqlu akkoljiment.

---

[2] Notes on Criminal Law, 1960 edit. p. 95 – 96.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fit-tielet aggravju mressaq mill-appellanti, hija tilmenta li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament zbaljat tal-fatti u tal-Liġi u dana meta m'applikatx favur tagħha dak dispost fl-Artikolu 82 tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta. Hija tilmenta li kienet poġġiet fis-seħħ l-istrutturi kollha b'diliġenza raġonevoli sabiex ma jkollhiex nuqqasijiet fiskali u għalhekk issostni li l-Qorti kellha tapplika l-*proviso* għall-Artikolu 82 tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi, minn ħarsa lejn il-parti disposittiva tas-sentenza appellata, jirrizulta li filfatt l-Ewwel Qorti qieset jekk l-appellanti setatx teżimi ruħha mir-responsabbilta' penali abbażi ta' dan l-artikolu tal-liġi, iżda kienet tal-fehma illi l-appellanti ma ssodisfatx il-vot ta' l-istess.

Issa mill-provi prodotti, senjatament mix-xhieda tal-*VAT Inspector* Anton Theuma, irriżulta li nhar l-10 ta' Novembru 2017, id-Dipartiment tat-Taxxa rċevew *invoice* mill-Parlament ta' Malta fl-ammont ta' €118, bl-ilment illi ma nħarrġitx riċevuta fiskali għall-istess. Dakinhar stess ġiet mitkellma Glorianne Mizzi, li hija waħda mid-diretturi tal-kumpanija *VIP Tours Limited* li ħarġet l-*invoice* in kwistjoni lill-Parlament ta' Malta, fejn stqarret li ktieb tal-irċevuti ma kellhomx f'dak il-mument u li normalment ma joħorġux riċevuta meta jkun negozju '*business to business*'. Issa mill-ispezzjoni magħmula irriżulta illi fil-fatt il-kumpanija kellha ktieb tar-riċevuti manwali, iżda dan ma kienx jintuża u allegatament ħadd mill-persuni involuti fil-ġestjoni tal-kumpanija ma kien jaf bl-esistenza tiegħu. Sussegwentement ir-riċevuta fiskali manwali inħarġet nhar il-21 ta' Novembru 2017 wara t-tieni laqgħa li saret mad-Dipartiment tal-Taxxa fuq il-Valur Miżjud.

Illi, Marisa Ciappara, fil-vesti tagħha ta' *accountant* tal-kumpanija *V.I.P Tours Limited*, ukoll ikkonfermat li l-prassi tal-kumpanija hija li tinħareġ biss *tax invoice* – "*Jekk il-klijent jirrikwestja li tinħareġ il-fiscal, il-fiscal receipt .... jekk ma jitlobx heqq ma toħroġx*". Kif ingħad, għalkemm jidher illi dan in-negozju kien trattat bħala hekk imsejjaħ '*business to business*' għaliex l-provditur tas-servizz kien konxju tal-fatt illi l-Parlament kellu numru ta' reġistrazzjoni ai fini ta' taxxa fuq il-valur miżjud, ma

jidhirx illi xi uffiċjal jew impjegat tal-kumpanija talab għal dan in-numru qabel ma inħarrġet l-*invoice* eżebita in atti. Kif ingħad, l-appellanti ma xehditx bil-Qorti prekluża milli tqies ix-xiehda tal-ko-akkużata Glorianne Mizzi bħala prova favur jew kontra tagħha[3].

Illi, għalhekk, jidher li m'hemm assolutament ebda dubbju li l-kumpanija *V.I.P Tours Malta Limited (C74688)* - li d-diretturi tagħha huma l-appellanti, Douglas Stephen Barbaro Sant u Glorianne Mizzi - ma ħarġitx riċevuta fiskali konformi mal-liġi, kif ingħad. Illi jerġa' jingħad illi l-fatt illi l-appellanti erronjament dehrilha illi ġaldarba il-Parlament kellu *VAT number* u għalhekk qieset in-negozju bħala *business to business*, ma jistax jeżimi lill-istess mir-responsabbilta' penali. Mhux biss iżda bil-fatt illi anke l-*invoice* li inħarrġet, li fil-fehma tal-appellanti kienet dik meħtieġa bil-liġi, lanqas ma kienet konformi mal-istess liġi billi n-numru ta' identifikazzjoni ta' taxxa tal-Parlament huwa nieqes ifisser illi l-appellanti bħala direttur ma eżerċitatx dik id-diliġenza minnha meħtieġa tant illi mhux biss naqset milli tara liema kienet ir-riċevuta tat-taxxa li kellha tinħareġ, iżda dik li dehrilha li kellha tinħareġ lanqas ma kienet kif tridha il-liġi. Bħala direttur tal-kumpanija, hija kellha l-obbligu sagrosant li tkun taf x'għandu jsir f'sitwazzjonijiet simili u taċċerta ruħha li l-istess kumpanija, li hija tiġġestixxi, taderixxi ruħha mal-Liġi fiskali. Għal dawn ir-raġunijiet, anke dan l-aggravju qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fil-ħames aggravju mressaq minnha, l-appellanti tilmenta li l-Prosekuzzjoni ma ġabitx prova li hija rreġistrata mad-Dipartiment tat-Taxxa għall-Valur Mizjud u għalhekk ma setgħat qatt tinstab ħatja tar-reat addebitat lilha.

Illi l-Qorti lanqas hawn ma tista' taqbel mal-appellanti u dan għaliex minn ezami akkurat tal-Atti Proċesswali jirriżulta mix-xhieda tar-rapprezentant tad-Dipartiment tal-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, kif ukoll mid-dokumentazzjoni mressqa minnu, illi l-appellanti ġiet mixlija fil-kapaċita tagħha bħala "*direttur u/jew għan-nom u in*

[3] Artikolu 636(b) tal-Kodiċi Kriminali applikat *a contario senso*

*rapprezentanza ta' V.I.P Tours Malta Ltd u/jew bħala persuna rreġistrata mal-Kummissarju tat-Taxxi*". Kwindi ġaldarba huwa ppruvat, u lanqas *del resto* ikkontestat illi l-appellanti hija fil-fatt waħda mid-Diretturi tas-soċjeta VIP Tours Limited, kwindi dan il-fatt jesponieha għal proċeduri penali irrispettivament mill-fatt jekk hijiex il-persuna irreġistrata ai fini tat-taxxa fuq il-valur miżjud.

Issa għalkemm il-liġi dwar it-taxxa fuq il-valur miżjud tidher kemmxejn drakonjana f'dawk il-każijiet fejn l-att vjolattiva jkun seħħ minn korp magħqud, madanakollu idejn il-qrati huma marbuta meta jiġu biex japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Kap.406. Illi meta l-fatt inkriminatorju jew in-nuqqas ta' aderenza mal-liġijiet fiskali iseħħ minn korp magħqud u mhux minn persuna fiżika, l-artikolu 82(1) tal-Att iqiegħed fuq l-ispalla ta' **<u>kull</u>** direttur, *manager*, jew uffiċjal prinċipali ieħor ta' dak il-korp ir-responsabbilita' penali għal tali nuqqas, bit-test Ingliż ukoll juża l-kliem "*every director, manager or other principal officer of a body of persons*", b'kull persuna għalhekk ħatja tal-kummissjoni tar-reat anke jekk l-att inkriminatorju huwa wieħed.

Illi l-artikolu 66(1) tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra li:

> **'Kull segretarju, *manager*, direttur, stralċjarju jew uffiċjal prinċipali ieħor ta' enti jew korp ta' persuni, kull werriet u eżekutur testamentarju u kull kuratur tal-eredità vakanti ta' persuna mejta, u kull min ikun tutur, kuratur, amministratur jew *trustee* ta'xi persuna oħra jew ta' xi trust, fund, jew enti ieħor għandu jkun rappreżentant, għall-għanijiet ta' dan l-Att, ta' dak il-korp ta' persuni, persuna mejta, persuna oħra, trust, fund jew enti ieħor, skont il-każ.'**

Illi allura fejn in-nuqqas isir mill-korp magħqud, kull persuna li tokkupa il-kariga ta' segretarju, *manager*, stralċarju jew uffiċjal ieħor għandu/ha tirrappreżenta lil dak il-korp magħqud.

Illi din ir-responsabbilta' vikarja tqiegħed ir-responsabbilta' penali direttament fuq spallejn id-direttur ta' korp maghqud fejn f'kaz ta' sejbien ta' htija u imposizzjoni ta' piena din tigi inflitta fuqu u ghandha tigi skontata minnu <u>personalment</u> anke f'kaz ta' piena pekunjarja, bil-kuncett legali tal-hekk imsejjaħ ***corporate liability***[4], fejn il-

[4] Ara artikolu 121D tal-Kodiċi Kriminali

piena pekunjarja hija imputabbli lil-korp magħqud ma jsibx applikazzjoni għar-reati fiskali imfassla fil-Kapitolu 406. Illi l-Qorti tqies illi wasal iż-żmien fejn anke f'dan il-qasam penali fejn il-vjolazzjoni tal-liġi tkun saret minn korp magħqud jew soċjeta kummerċjali b'personalita' ġuridika indipendenti minn dik tal-azzjonisti tagħha jew tal-uffiċjali li imexxuha, ikun hemm kundanna waħda u unika fil-konfront ta' dak il-korp magħqud, u mhux kontra kull uffiċjal tal-kumpanija sabiex b'hekk jitwieldu pluralita' ta' azzjonijiet penali għal infrazzjoni tal-liġi li *del resto* għandha titqies daqslikieku saret minn persuna waħda u ċioe' is-soċjeta kummerċjali. Il-liġi madanakollu ma tagħtix din is-setgħa lil Qorti, bir-responsabbilta' vikarja taqa' fuq **<u>kull</u>** direttur, *manager* u uffiċjal ieħor tal-kumpanija li, kif ingħad, jsiru ħatja tan-nuqqas magħmul mill-kumpanija li huma jirrappreżentaw bil-kundanna għalhekk issir fil-konfront tagħhom personali.

Issa f'dawn it-tip ta' offiżi japplika il-kunċett ta'l hekk imsejjaħ *strict liability* fejn ma hemmx il-bzonn li tigi ippruvata l-intenzjoni kriminuża, madanakollu l-awtur tar-reat jista' iqanqal xi difizi. Illi fil-fatt l-Qorti hija tal-fehma illi dan il-principju ta' *strict liability* għandu jimxi id f'id ma' dik tar-responsabbilta vikarja kif mahsuba fl-artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi hekk:

> **Meta xi reat taht jew kontra xi disposizzjoni li tinsab f'xi Att, li jkun ghadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp jew għaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna ġuridika jew le, kull persuna li, fil-ħin ta' l-egħmil tar-reat, kienet direttur, *manager*, segretarju jew uffiċjal ieħor simili tal-korp jew għaqda, jew kienet tidher li qed taġixxi f'dik il-kariga, tkun ħatja ta' dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar mingħajr it-tagħrif tagħha u li tkun eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex tevita l-egħmil tar-reat.**

Illi din l-inverżjoni fil-provi hija riflessa ukoll fir-reati fiskali kif imfisser fl-artikolu 82 hawn fuq iċċitat meta allura l-piz tal-prova issa ser iddur fuq il-persuna akkużata b'dan għalhekk illi jaqa' fuq spallitha sabiex tikkonvinċi lil min hu imsejjaħ biex jiġġudika, u dan sal-grad tal-probabbli, illi hija għamlet dak kollu mehtieġ sabiex tevita li jiġi kommess ir-reat, u li allura eżerċitat id-diliġenza kollha meħtieġa sabiex jiġi żgurat li ma jkun hemm l-ebda vjolazzjoni ta' dritt.

Illi, il-fatt illi l-appellanti mxiet fuq il-pariri professjonali ta' persuni fil-qasam tat-taxxa, kif tikkontendi fis-sitt aggravju minnha mressaq lanqas ma jista' jeżoneraha billi bħala direttur kellha livell għoli ta' responsabbilita' sabiex tassigura ruħha li s-soċjeta minnha ġestita qed timxi konformi mal-Liġi, haġa li evidentement ma saritx, billi r-riċevuta jew *invoice* li ħarrġet kienet waħda ħażina u nieqsa mid-dettalji li trid il-liġi, tant illi ma setatx tikkwalifika bħala riċevuta fiskali. Illi direttur ta' kumpanija li għandu f'idejh it-tmexxija tan-negożju intrapriż mis-soċjeta kummerċjali minnu rappreżentata huwa mistenni li jkun jaf bil-preċiż liema huma dawk id-dettalji meħtieġa sabiex riċevuta titqies bħala waħda konformi mal-liġijiet fiskali u bil-fatt illi dan ma seħħx fl-*invoice* maħruġa, meta kien risaput illi l-Kamra tad-Deputati kellha numru ta' identifikazzjoni ta' taxxa, waħedha tfisser illi l-appellanti fil-vesti tagħha ta' direttur ma eżerċitatx id-diliġenza u l-prudenza minnha mistennija.

Illi, fis-seba' aggravju l-appellanti targumenta, mbagħad, li waqt is-smigħ tal-kawża, il-Prosekuzzjoni dawret l-allegazzjoni li tifforma l-qafas tal-akkuża miġjuba meta l-ewwel kienet qed issostni li ma nħarġitx riċevuta fiskali u wara sostniet li ma kenitx ħarġet l-irċevuta l-fiskali l-griza. L-appellanti ma għandhiex raġun f'dan l-ilment tagħha. Illi l-fatt illi r-riċevuta li inħarġet ma kenitx waħda konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fil-liġi iwassal neċessarjament għal fatt ippruvat illi l-*invoice* ma setatx isservi bħala riċevuta fiskali bil-konsegwenza allura illi għas-servizz ipprovdut lil Parlament għandu jitqies illi ma kienet inħarġet ebda riċevuta fiskali.

**Ikkunsidrat:**

Illi, il-*gravam* rimanenti sottopost għal ġudizzju ta' din il-Qorti jikkonċerna l-piena erogata mill-Ewwel Qorti, u ċioe multa ta' seba' mitt Ewro. L-appellanti tilmenta li dan kien sempliċiment żball amministrattiv li ma kellu ebda konsegwenza fuq l-erarju pubbliku u għalhekk l-istess kellha tittieħed in konsiderazzjoni fl-ikkalibrar tal-piena.

Illi, ġie stabbilit b'mod kopjuz fil-ġurisprudenza nostrana illi qorti ta' revizjoni bħala regola ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioe` din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm -il darba ma jkunx jirrizulta

li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*"[5] .

Illi, a bazi tal-Artikolu 77 tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta, il-parametri tal-multa li setgħat tiġi mposta fl-eventwalita' ta' sejbien ta' ħtija kienet waħda ta' bejn minimu ta' seba' mitt Ewro u massimu ta' tlett elef u ħames mitt Ewro. Isegwi li l-multa imposta mill-Ewwel Qorti kienet propju waħda fil-minimu permissibbli mill-Liġi, bil-Qorti hija prekluża milli tapplika id-disposizzjonijiet ta'l-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali għal dawn ir-reati fiskali. Għalhekk, il-Qorti hija tal-fehma li l-piena mposta kienet waħda legalment u raġonevolment valida u mhux "*manifestly excessive*" tant li kienet propju waħda fil-minimu u għalhekk ma tezisti ebda raġuni 'il għala din għandha tiġi varjata.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**

[5] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek, deċiza nhar il-25 ta' Awissu 2005.